# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 451/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Simon Spiteri**
**(ID 354468M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u sittin euro u sitta u sittin centezmi (€763.66) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 55082960 liema somma l-intimat baqa' ma hallasx minkejja li gie interpellat jaghmel dan, bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1382/15 u bl-imghaxijiet legali mill-24 t'Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017 deher il-konvenut mhux assistit li ammetta t-talba attrici u ddikjara li dispost li jikkuntatja lis-socjeta' attrici sabiex jeffetwa pagamenti mensili fir-rigward is-somma mitluba ghalkemm sostna illi huwa qatt ma rcieva l-ebda interpellazzjoni ghall-hlas mis-socjeta’ attrici.

Ra li fis-seduta tas-6 ta’ Frar, 2017 rega’ deher il-konvenut mhux assistit li ddikjara li kellem ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u li ftehem maghhom sabiex ihallas is-somma mitluba bl-ispejjez legali permezz ta' pagamenti mensili ta' EURO50 fix-xahar.

Ra li, prevja s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fuq talba tas-socjeta’ attrici, giet prezentata nota ta’ riduzzjoni permezz ta’ liema gie dikjarat li l-konvenut kien affetwa pagament ta’ hamsin ewro (€50) u konsegwentement l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut kien jammonta ghal seba’ mija u tlettax ewro u sitta u sittin centezmi (€713.66).

Ra li l-kawza odjerna giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi kif inghad hawn fuq l-intimat ammetta t-talba attrici kemm fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017 u kif ukoll fis-seduta tas-6 ta’ Frar, 2017. Ghalkemm fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017 iddikjara li huwa qatt ma kien ircieva ebda interpellazzjoni ghall-hlas minghand is-socjeta’ attrici, huwa qal ukoll li kien dispost li jkellem lir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici sabiex jibda jhallas l-ammont dovut minnu. Fis-seduta tas-6 ta’ Frar, 2017 l-intimat rega’ tenna l-ammissjoni tieghu u ddikjara li kien kellem lir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici sabiex jibda jhallas id-dejn tieghu, din id-darba inkluzi l-ispejjez legali, permezz ta’ pagamenti mensili.

Illi jidher li sal-gurnata tal-lum il-konvenut affetwa pagament wiehed ta' hamsin ewro (€50) skont in-nota ta' riduzzjoni prezenta mid-difensur legali tas-socjeta' attrici.

Illi stante l-ftehim li jidher li gie milhuq bejn il-partijiet, anke fin-nuqqas ta' transazzjoni bil-miktub ai fini tal-art. 1233(1) tal-Kodici Civili, it-Tribunal jissolecita lill-partijiet sabiex jaderixxu ma' kwalunkwe ftehim milhuq bejniethom fir-rigward tal-possibilita` moghtija lill-intimat sabiex ihallas is-somma dovuta minnu permezz ta' pagamenti mensili.

Illi madanakollu, in vista tal-fatt li jirrizulta ampjament li t-talba ma tinsabx kontestata mill-intimat u l-kawza giet ghalhekk differita ghas-sentenza, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-istess bl-ispejjez tal-procedura odjerna, salv l-ispejjez relatati mal-ittra ufficjali numru 1382/2015 li baqghet qatt ma giet notifikata lill-konvenut, kontra l-istess konvenut, salv ukoll illi konsegwentement l-imghaxijiet legali jibdew jghoddu mid-data tan-notifika lill-intimat bl-avviz odjern.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ridotta ta' seba' mija u tlettax-il ewro u sitta u sittin centezmi (€713.66) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 55082960 bl-ispejjez u drittijiet eskluzi dawk tal-ittra ufficjali 1382/15 li baqghet mhux notifikata lill-konvenut u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Jannar, 2017 data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**